DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/974

tad-9 ta' Ġunju 2021

li tapprova l-programmi nazzjonali emendati għat-titjib tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura ppreżentati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2021) 4021)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 ([2]), l-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni bl-emendi għall-programmi nazzjonali tagħhom għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2021 u 2022.

(2) Is-27 programmi nazzjonali emendati mfassla għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Lulju 2022 ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mal-Artikolu 55(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(3) Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull programm nazzjonali għandha tiġi deċiża f'konformità mal-Artikolu 4, it-tieni paragrafu tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 ([3]).

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali emendati għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2021 u 2022 ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi limitata għall-ammonti massimi kif stabbiliti fl-Anness tas-snin tal-apikultura 2021 u 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 tal-11 ta' Mejju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 3).

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi nazzjonali tal-apikultura għas-snin tal-apikultura 2021 u 2022

(f'EUR)

	Is-sena tal-apikultura 2021	Is-sena tal-apikultura 2022
Il-Belġju	422 967	422 967
Il-Bulgarija	2 063 885	2 063 885
Iċ-Ċekja	2 121 528	2 121 528
Id-Danimarka	295 539	295 539
Il-Ġermanja	2 790 875	2 790 875
L-Estonja	140 473	140 473
L-Irlanda	61 640	61 640
Il-Greċja	6 162 645	6 162 645
Spanja	9 559 944	9 559 944
Franza	6 419 062	6 419 062
Il-Kroazja	1 913 290	1 913 290
L-Italja	5 166 537	5 166 537
Ċipru	169 653	169 653
Il-Latvja	328 804	328 804
Il-Litwanja	549 828	549 828
Il-Lussemburgu	30 621	30 621
L-Ungerija	4 271 227	4 271 227
Malta	14 137	14 137
In-Netherlands	295 172	295 172
L-Awstrija	1 477 188	1 477 188
Il-Polonja	5 024 968	5 024 968
Il-Portugall	2 204 232	2 204 232
Ir-Rumanija	6 081 630	6 081 630
Is-Slovenja	649 455	649 455
Is-Slovakkja	999 973	999 973
Il-Finlandja	196 182	196 182
L-Iżvezja	588 545	588 545